MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1268/1991/1

**Prokuratur Legali Rose Sciberras bhala mandatarja specjali tal-imsiefra Giuseppa armla ta' Paolo Borg, u ta' Julian, Mary mart Emidio Camilleri f'isimha proprju u bhala trustee ta' Paul, Sarah, u Victoria ahwa Lonie ulied il-mejta Lilian mizzewga Lonie, u Carmen mart Nick Bonello ilkoll ahwa Borg ulied il-mejjet Paolo Borg, u ta' Emidio Camilleri u Nick Bonello bhala kapijiet tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi marthom**

**vs**

**Carmelo Cilia**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi fis-26 ta' Ottubru 1989 miet Paolo Borg zewg Giuseppa u missier u/jew nannu matern ta' l-atturi l-ohra;

Illi b'testment tad-29 ta' Settembru 1989 atti Nutar Michel Dingli d-defunt fuq imsemmi halla b'werriet uniku tieghu lill-konvenut bid-dritt tal-legittima lill-uliedu;

Illi inoltre t-testatur u martu ma kinux separati legalment u b'hekk l-attrici Giuseppa Borg hi intitolata ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ga' vigenti bejnha u d-defunt zewgha;

Illi oltre l-imsemmija erba' wlied id-defunt kellu wkoll tifla ohra Filippa sive Josephine mart Anthony Magro li pero' ghazlet li f'dan l-istadju ma titlobx sehmha qua legittimarja;

Illi l-istanti interpellaw ufficjalment lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni ta' l-assi ta' l-imsemmi testatur biex b'hekk issir l-assenjazzjoni tas-sehem lilhom hekk spettanti mill-beni tad-decujus kwantu ghal nofs lill-istanti Giuseppa Borg bhala import ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisiti u kwantu ghad-dritt tal-legittima lill-atturi l-ohra;

Illi nonostante dan ir-rikjam ufficjali l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

(1) tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn it-testatur Paolo Borg u martu l-attrici Giuseppa Borg;

(2) tiddikjara u tordna illi n-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti hekk likiwidata tappartjeni lill-attrici Giuseppa Borg u konsegwentement tassenja dan in-nofs lill-imsemmija attrici Giuseppa Borg;

(3) tillikwida l-assi kollha ereditarji ta' l-imsemmi Paolo Borg konsistenti f'sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll l-assi parafernali tieghu;

(4) tordna li mill-assi hekk likwidati jigi assenjat lill-atturi l-ohra s-sehem rispettiv taghhom in sodisfazzjoni tal-legittima dovuta lilhom skond il-ligi;

(5) tikkundanna lill-konvenut jassenja lill-attrici Giuseppa Borg is-sehem taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti u lill-atturi l-ohra s-sehem taghhom qua legittimarji;

(6) tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att relattiv;

(7) tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' Mejju 1990, ittra ufficjlali ta' l-4 ta' Settembru 1991, tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji u ta' l-impediment tal-partenza pprezentati kontestwalment, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u –lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament il-Prokuratur Legali Rose Sciberra trid iggib prova dokumentata u awtentika li hija tabilhaqq il-mandatarja specjali tal-imsiefra Giuseppa armla ta' Paolo Borg, u ta' Julian, Mary mart Emidio Camilleri u ta' Carmen mart Nick Bonello lkoll ahwa Borg u ta' Emidio Camilleri u Nick Bonello bhala kapijiet tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi marthom;

2. Illi ghandha tigi prodotta quddiem dina l-Qorti prova dokumentata u awtentikata li Mary mart Emidio Camilleri hija awtorizzata biex tidher f'dawna l-atti bhala trustee ta' Paul, Sarah u Victoria ahwa Lonie ulied il-mejta Lilian mizzewga Lonie.

3. Illi ghandha tigi prodotta quddiem dina l-Qorti prova dokumentata w awtentikata ta' fejn qeghdin joqoghdu,

jekk joqoghdu, Giuseppa armla ta' Paolo Borg, Julian, Mary mart Emidio Camilleri u l-istess Emidio Camilleri, Paul, Sarah, u Victoria ahwa Lonie, ulied il-mejta Lilian mizzewga Lonie, u Carmen mart Nick Bonello u l-istess Nick Bonello, u dana biex dina l-Qorti barra li jkollha din il-prova dokumentata w awtentikata, l-istess konvenut ikollu l-mezzi li jivverifika huwa stess dwar dana l-mandat specjali li a bazi tieghu giet intavolata c-citazzjoni odjerna;

4. Illi trid tingieb prova dokumentata w awtentikata li Giuseppa armla ta' Paolo Borg ghadha ta' bilhaqq hajja, ic-certifikat taz-zwieg taghha ma' Paolo Borg u jekk qattx sarux xi provi ta' separazzjoni jew ta' divorzju bejn l-imsemmija Giuseppa armla ta' Paolo Borg u d-decujus Paolo Borg;

5. Illi trid tingieb prova dokumentata u awtentikata li Julian, Mary u Carmen ikoll ahwa Borg ulied il-mejjet Paolo Borg ghadhom ta' bilhaqq hajjin u li huma ta' bilhaqq l-ulied imsemmijin ta' Paolo Borg;

6. Illi trid tingieb prova dokumentata u awtentikata li Emidio Camilleri huwa ta' bilhaqq zewgt Mary imwielda Borg u li Nick Bonello huwa ta' bilhaqq zewgt Carmen imwielda Borg, u dana permezz ta' certifikati dokumentati w awtentikati;

7. Illi trid tingieb prova li Paul, Sarah, u Victoria huma ta' bilhaqq ahwa Lonie, huma ta' bilhaqq ulied il-mejta Lilian mizzewga Lonie, u trid tingieb prova dokumentata w awtentikata dwar il-paternita' ta' Paul, Sarah u Victoria ahwa Lonie, u dak kollu li legalment huwa rilevanti biex jistabilixxi n-`nexus' bejn Paul, Sarah u Victoria ahwa Lonie u d-decujus Paolo Borg;

8. Illi dwar id-data tal-mewt ta' Paolo Borg jidher illi skond l-estratt veru mill-att tal-mewt numru 2353/1989, id-decujus ta' bilhaqq miet gewwa St Vincent de Paule, id-Djar ghall-Anzjani, fil-limiti ta' Hal-Luqa, nhar is-sitta u ghoxrin ta' Ottubru, elf disa' mija u disa' u tmenin (26.19.1989), u illi pero' trid issir prova li Giuseppa kienet fid-data tal-mewt ghada ta' bilhaqq mart Paolo Borg, u dan

minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, u li l-atturi ghandhom igibu l-prova dokumentata w awtentikata li Paolo Borg kien ta' bilhaqq il-missier u/jew in-nannu matern ta' l-atturi l-ohra bl-eccezzjoni ta' Giuseppa allegatament mart Paolo Borg;

9. Illi rigwardanti t-tieni premessa, huwa veru li b'testment tad-disa' u ghoxrin ta' Settembru, tl-elf disa' mija u disa' u tmenin (29.09.89), fit-tmienja u hamsa ta' fil-ghaxija, fl-Isptar San Vincenz de Paule, limiti ta' Hal-Luqa gewwa Malta, Ward numru disa', fil-prezenza tax-xhieda legalment accettabli skond il-ligi, liema xhieda t-tnejn li huma kienu nurses u ghalhekk impjegati civili, u fejn id-decujus `qua testatur kien iddikjara li ma jafx jaqra u lanqas jikteb, in-Nutar Pubbliku Malti Dottor Michele Dingli, kien ghamel testment ta' Paolo Borg li dak iz-zmien iddikjara lilu nnifsu bhala persuna rtirata, iben il-mejtin Costantino u Philippina nee' Sammut, li kien imwieled San Giljan u residenti Tas-Sliema, izda fiz-zmien tat-testment kien rikoverat f'San Vincenz de Paule limiti ta' Hal-Luqa, uli bhala karta ta' l-idenitta' kellu n-numru 149920(M), u fejn `inter alia' a bazi tat-tieni artikolu tal-fuq imsemmi testment it-testatur ried u ordna li rrispettivament mid-disposizzjonijiet stipulati fil-Ligi rigwardanti drittijiet li jista' jkollhom uliedu, illi bhala eredi universali tieghu ried jinnomina u jissostitwixxi lil Carmel Cilia, Radio Officer, iben Joseph u Mary nee' Mizzi, imwieled Pieta' u residenti numru 113, Viani Street, Sliema, u ghaldaqstant bis-sahha ta' dan l-Artikolu l-istess testatur innomina u istitwixxa lil-imsemmi Carmel Cilia bhala eredi universali tieghu, u inoltre l-istess testatur biex juri kiemm kien deciz f'dak li kien qed jiddikjara, ordna wkoll li fil-kaz li din id-disposizzjoni tieghu tkun ser tippregudika l-validita' ta' dan it-testment, l-istess testatur ihalli lil uliedu dak li jkun lilhom spettanti bhala legittima u xejn aktar, u li ghal kull buon fin it-testatur jiddikjara li huwa ghamel dina d-disposizzjoni ghar-raguni li l-familjari tieghu kif ukoll uliedu fi kliem it-testatur stess, kienu abbandunawh;

10. Illi ghaldaqstant din il-kawza ma hijiex wahda li b'xi mod qed timpunja dan it-testment,  u gja la darba it-testment fuq indikat tad-disa' u ghoxrin ta' Settembru, elf

disa' mija disa' u tmenin, (29.09.89), bl-ebda mod ma hu qed jigi impunjat, din it-tieni premess fic-citazzjoni ma hijixi korretta skond ix-xewqat tat-testatur, u dana billi t-testatur ma halliex b'werriet tieghu lill-konvenut bid-dritt tal-legittima lil uliedu;

11. Illi d-decujus ghamilha cara fl-indikat testment li huwa kien qed ihalli bhala eredi universali tieghu lill-konvenut, u xtaq li uliedu jiehdu biss il-legittima fil-kaz li b'xi mod it-testment jigi mpunjat;

12. Illi ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ulied il-konvenut m'ghandhom dritt ghal ebda legittima a bazi tal-premessa indikata, billi x-xewqa espressa ta' l-istess testatur kif proprju kien li lil uliedu kieku kien possibbli ma jhallilhom xejn, u gja la darba t-testment ma giex impunjat permezz tal-proceduri odjerni, ghaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jigi konkluz illi d-dritt tal-legittima b'xi mod tispetta lil uliedu, u dan a bazi ta' l-istess dikjarazzjoni tad-decujus li l-imsemmija uliedu kienu abbandunawh;

13. Illi rigwardanti t-tielet premessa, hemm ammissjoni ghal fatt illi l-attrici Giuseppa Borg kienet separata min mad-decujus Paolo Borg.  Illi hawn trid issir prova jekk Giuseppa Borg kinitx fil-fatt legalment separata, iddivorzjata jew sempliciment separata `de facto' minn ma' zewgha, billi t-taghrif li kien ottjena l-istess konvenut minghand id-decujus, kif tinstema' x-xhieda waqt is-smiegh tal-provi ta' din il-kawza, iddivorzjat minn ma' l-imsemmija martu Giuseppa Borg, u ghalhekk qabel ma jsiru l-provi kollha mehtiega skond il-ligi, certament Giuseppa Borg ma tista' bl-ebda mod tghid li hi intitolata ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia vigenti bejnha u bejn id-defunt zewgha;

14. Illi l-prova spettanti, u dana minghajr pregudizzju ghal fuq premess, ta' x'kienet tikkonsisti l-komunjoni ta' l-akkwisti gja vigenti bejnha u bejn Paolo Borg, trid issir da parti ta' l-attrici Giuseppa Borg, u huwa ghalhekk li l-konvenut qed jesigi li jsiru l-provi u l-verifiki mehtiega skond il-ligi, l-ewwelnett biex igi accertat li Giuseppa Borg ghadha hajja u fejn qed tghix, biex ikunu jistghu jsiru l-

verifiki mehtiega jekk hijixi divorzjata, separata legalment, jew separata `de facto', imbaghad peremess tax-xhieda ta' l-istess Giuseppa Borg nisimghu x'kienet taf hi dwar l-allegat sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti gja vigenti bejnha u bejn id-decujus Paolo Borg;

15. Illi rigwardanti r-raba' premessa, il-konvenut baqa' totalment sorpriz meta qara illi `oltre l-imsemmija erba' ulied id-defunt kellu wkoll tifla ohra Filippa sive Josephine mart Anthony Magro li pero' ghazlet li f'dan l-istadju ma titlobx sehmha qua legittimatarja'. illi l-konvenut ma jaf xejn dwar dan l-allegat fatt ta' tifla ohra, bhala ma `inter alia' ma jaf xejn ezatt dwar il-familjari ta' Paolo Borg billi fis-snin li dam jiehu hsieb id-decujus, il-konvenut qatt ma ra dawn il-familjari ma' Paolo Borg u l-istess decujus kein ripetutament jghidlu li dawn abbandunawh u li hu ma kellux x'jaqsam aktar la mal-mara tieghu li minnha kien divorzjat u lanqas ma' l-ulied proprjea tieghu, pero' certament qatt ma ssemmiet din Filippa sive Josephine mart Anthony Magro, u huwa gust anke ghall-unur ta' l-istess decujus, illi ssir prova doukumentata w awtentikata li dina Filippa sive Josephine mart Anthony Magro hija tabilhaqq tifla tad-defunt, u li ssir procedura skond il-ligi li hija tabilhaqq qieghda f'kaz li jigi pruvat li hija t-tifla tad-defunt, li din Josephine mart Anthony Magro qed tirrinunzja ufficjalment u legalment ghal sehmha qua leggitimatarja mill-wirt tad-defunt;

16. Illi rigwardanti l-hames premessa, il-konvenut qed jaghmilha cara illi huwa qatt ma kellu l-ebda kuntatt dirett la ma' Giuseppa Borg, la mat-tfal tad-decujus kif indikati u ma hadd mill-atturi l-ohra imsemmijin ghajr li huwa kiesah u biered kienu `un bel di' rcieva komunikat minghand il-Prokuratur Legali Rose Sciberras li fic-cirkostanzi u minghajr verifiki dokumentati w awtentikati skond il-ligi, kif il-konvenut qieghed formalment jitlob issa f'din in-nota ta' l-eccezzjonijiet, ma seta' jirrikonoxxi lill-indikata Prokuratur Legali Rose Scbierras qabel ikollu taghrif dokumentat w awtentikat dwar il-mandat taghha, oltre illi ma kien hemm xejn xi jsir biex issir il-likwidazzjoni ta' l-assi ta' l-imsemmi testatur, u dana kif jigi pruvat fl-istadju opportun waqt is-smiegh tal-provi ta' din il-kawza, minn fejn allura kellha

ssir xi assenjazzjoni tas-sehem spettanti mill-beni tad-decujus kwantu ghan-nofs lill-istanti Giuseppa Borg bhala import ta' sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u kwantu ghad-dritt tal-legittima lill-atturi l-ohra;

17. Illi rigward l-allegazzjoni illi `nonostante dan ir-rikjam ufficjali l-istess konvenut baqa' inadempjenti', il-konvenut jirribatti ghal kollox din l-allegazzjoni billi s-serjeta' kienet titlob fl-ewwel lok li jsir kuntatt dirett mieghu mill-armla u minn ulied id-decujus kollha, li bhala fatt dan qatt ma sar, u fit-tieni lok jekk xi hadd qed jallega li ghandu rapprezentanza jrid jaghti prova dojkumentata w awtentiakta ta' tali rapprezentanza u mhux jippretendi li ghand jinghata taghrif li bir-rispett kollu lejn il-Prokuratur Legali Rose Sciberras hija seta' ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni li jkollha tali taghrif. Illi f'kull kaz, il-konvenut ipprezenta d-denunzja nhar is-sitta u ghoxrin ta' Frar, tal-elf disa' mija u disghin (26.02.1990), u cioe fit-terminu ezatt tal-ligi, mal-gheluq l-ahhar jum tar-raba' xahar, fejn f'dik id-denunzja li ghandha n-numru 50675 bahal `claim number' u numru tad-denunzja 700/90, hemm indikat l-assi kollha li kellu d-decujus fiz-zmien il-mewt, u li ghalhekk l-atturi kellhom riferenzi adegwati biex ikunu jafu ezatt x'halla d-decujus u gja' ladarba ma saret lanqas l-ebda procedura biex tali dokument jigi mpunjat, l-atturi ma kellhom l-ebda dritt li jassumu dak li ma kellhomx u li ma kellux id-decujus u min fuq jippenalizzaw anke b'mandati abbuzivi lill-istess konvenut ta' pretenzjonijiet li la jezistu fil-fatt u lanqas jezistu fid-dritt.

18. Illi trid ghalhekk issir il-prvoa ta' x'kienu jikkonsistu tali komunjoni ta' l-akkwisti allegatament ezistenti bejn it-testatur Paolo Borg u martu l-attrici Giuseppa Borg, filwaqt li wkoll trid issir il-verifika jekk ta' bilhaqq Giuseppa Borg mhux biss ghadhiex haja imma jekk ta' bilhaqq legalment baqghetx mart Paolo Borg u min meta fil-fatt ma baqghetx mart Paolo Borg;

19. Illi l-konvenut m'ghandu jbati l-ebda spejjez stante li l-Prokuratur leagli Rose Sciberras qua mandatarja ta' l-atturi ndikati kellha proceduri ohra x'taghmel biex tivverifika l-ezistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti u setghet

waslet ghal tali konkluzjoni minghajr ma tirrikorri ghal dawn il-proceduri li a bazi taghhom il-konvenut sofra, qed isofri u jista' jsofri danni konsiderevoli;

20. Illi anke rigwardanti l-assi kollha ereditarji ta' l-imsemmi Paolo Borg konsistenti f'sehmu mill-komunjoni jgibu prova taghhom l-atturi, u da parti tieghu l-konvenut m'ghandu l-ebda obbligu li jforni provi addizzjonali ghal dak li bil-gurament gja ddikjara fid-denunzja minnu mahlufa nhar is-sitta u ghoxrin ta' Frar, elf disa' mija u disghin (26.02.1990).

21. Illi fil-kaz li l-assi jigu likwidati, ma ghaudha ssir l-ebda assenjazzjoni lill-atturi l-ohra rigwardanti s-sehem rispettiv taghhom in sodisfazzjoni tal-legittima dovuta lilhom skond il-ligi, u dana billi t-testatur ghamilha cara li se mai biex dan isir kellu l-ewwel u qabel kollox jigi mpunjat it-testment u dan ghar-ragunijiet minnu msemmija, u oltre ma saru l-ebda proceduri biex tigi mpunjata l-istess denunzja mahlufa lill-istess konvenut. Illi f'kull kaz m'ghandha ssir l-ebda assenjazzjoni lil Giuseppa Borg ghas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u lill-atturi l-ohra ghas-sehem taghhom qua legttimarji u dana minhabba li huma ghal snin twal abbandunaw lid-decujus Paolo Borg b'tali mod li huwa mhux biss ma kienx jaf b'ahbarhom, imma lanqas biss kien interessat dwar ahbarhom jew dwar fejn qeghdin, u ghalhekk dak kollu li seta' ghamel kien fi zmien meta fil-ligi kien qed jghix wahdu u sab biss biex jassistih persuni ohra fosthom il-konvenut li spicca biex hatru l-eredi universali tieghu;

22. Illi dwar is-sitt u s-seba' talbiet ta' l-atturi, il-konvenut qed jaghmilha cara li huwa m'ghandu l-ebda intenzjoni li jkun xi eventwali kontumci anzi fi hsiebu li bil-mezzi kollha legali jissielet kontra l-abbuz imwettaq kontra tieghu bil-hrug ta' mandati f'ammonti esagertai fihom li lilu kkagunawlu bosta danni; u kwantu ghan-nomina ta' nutar pubbliku jekk ikun hemm kaz li dan jigi nominat, il-konvenut ma jsib l-ebda oggezzjoni li joqghod ghax-xewqa tal-Qorti f'dan ir-rigward;

23. Illi kwantu ghall-ispejjez indikati mill-istess atturi, il-konvenut m'ghandu jbati l-ebda forma t'a spejjez minhabba li dawn il-proceuri setghu facilment jigu evitati, anzi minn issa qed jirriserva li hu jaghmel kwalsiasi azzjoni spettanti lilu ghad-danni li hu sofra, qed isofri u ghad jista' jsofri kagun ta' dawn il-proceduri u l-mandati li nhargu kontra tieghu, u dana dejjem skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-20 ta’ April 1992 li bih gie nominat bhala perit leagli l-Avukat Dottor Victor Borg Grech bil-fakoltajiet kollha soliti;

In vista tat-tul esagerat tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat lill-konvenut biex "jissostitwixxi n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu b'wahda li tippuntwalizza l-kap tad-difiza tieghu." In vista ta' din l-ordni l-konvenut ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent konvenut Carmelo Cilia jirreferi ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu prezentata nhar il-Gimgha, erbgha u ghoxrin ta' Jannar, tal-elf disa' mija tnejn u disghin (24.1.1991), u a tenur tal-verbal tal-Qorti fis-seduta tal-Gimgha, tlettax ta' Marzu, elf disa' mija tnejn u disghin (13.3.1992), huwa qieghed jipprezenta din in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, salv illi stante ma saret l-ebda referenza fl-istess verbal tat-tlettax ta' Marzu, elf disa' mija tnejn u disghin (13.3.1992), ghad-dikjarazzjoni guramentata tieghu jew ghal-lista tax-xhieda wkoll ipprezentatai u mahlufa nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar, elf disa' mija tnejn u disghin (24.1.1992), huwa qieghed f'din in-nota limitatament jikkoncentra biss fuq in-nota ta' l-eccezzjonijiet originali li huwa pprezenta nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar, elf disa' mija u tnejn u disghin (24.1.1992);

2. Illi l-Prokuratur Legali Rose Sciberras preliminarjament trid iggib prova dokumentata u awtentika li hija tabilhaqq il-mandatarja specjali tal-persuni kollha

msemmijin u ndikati minnha fl-okkju tal-kawza odjerna, u illi mid-dokumenti esebiti mill-istess Prokuratur legali nhar it-tlettax ta' Marzu, elf disa' mija tnejn u disghin (13.3.1992), ma ngabet l-ebda prova illi hija tabilhaqq ghandha l-awtorizazzjoni partikolari u fejn huma l-indirizzi tal-persuni li allegatament il-Prokuratur Legali Rose Sciberras qed tghid li qed tirraprezenta, jew fin-nuqqas li l-istess Prokuratur Legali Rose Sciberras tassumi hi responsabilta' diretta ghal din il-kawza u dana b'salvagwardjar tad-drittijiet kolha legali u fattwali ta' l-istess konvenut;

3. Illi stante li l-kawza odjerna ma hijiex wahda li b'xi mod qed timpunja t-testment indikat fit-tieni premessa ta' din ic-citazzjoni, din it-tieni premessa kif intavolata ma tispekjax ix-xewqat tat-testatur, u dana peress li t-testatur ma halliex b'werriet tieghu lill-konvenut bid-dritt tal-legittima lil uliedu, ghar-ragunijiet indikati fl-istess testemnt citat, u cioe dak tad-disa' u ghoxrin ta' Settembru, elf disa' mija disa' u tmenin, (29.09.1989);

4. Illi rigwardanti t-tielet premessa, trid issir prova jekk Giuseppa Borg kinitx fil-mument tal-mewt tad-decujus Paolo Borg legalment separata, jew iddivorzjata jew sempliciment separata `de facto' minn ma' zewgha, u dana biex ikun jista' jigi accertat jekk Giuseppa Borg hijiex intitolata ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia vigenti bejnha u bejn id-defunt zewgha;

5. Illi rigwardanti r-raba' premessa, il-konvenut ma jaf xejn dwar Philippa sive Josephine mart Anthony Magro, u ghalhekk kull prova speattanti dwar Philippa sive Josephine mart Anthony Magro trid tingieb mill-istess attrici wara li hi stess ghamlet referenza ghall-imsemmija Josephine Magro. Illi ghalhekk trid issir prova doukumentata w awtentikata li dina Philippa sive Josephine mart Anthony Magro hija tabilhaqq tifla tad-defunt, u li l-istess irrinunzjat formalment ghal sehmha qua leggitimatarja mill-wirt tad-defunt;

6. Illi l-konvenut ma kellu l-ebda forma ta' kuntatt ma' l-atturi li l-Prokuratur Legali Rose Sciberras qed tghid li

tirraprezenta, u illi ghalhekk il-konvenut jirribatti ghal kollox l-allegazzjoni li hu baqa' inadempjenti f'xi haga billi s-serjeta' kienet titlob li min jghid li ghandu dritt ghal xi haga l-ewwel igib il-prova li juri li huwa tabilhaqq ghandu dak id-dritt u mbaghad jistenna li l-persuna li minnu qed tintalab biex jigi esegwit dak id-dritt u mbaghad jistenna li l-persuna li minnu qed tintalab biex jigi ezegwit dak id-dritt, jekk jezisti, tforni xi dettalji li tkun taf u dejjem jekk tkun taf, u certament l-attrici l-Prokuratur Legali Rose Sciberras naqset li tforni din il-prova kif sal-mument li qed tigi pprezentata din in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ghadha ma fornietx tali prova dokumentata w awtentikata li hija tabilhaqq qed tirraprezenta l-persuni li qed tghid li qed tirraprezenta u taghti indikazzjoni t' fejn joqghodu u kif jistghu jigu kkuntattjati;

7. Illi l-konvenut ghamel dak kollu li kien rikjest minnu legalment li jaghmel, fis-sens li pprezenta d-denunzja tal-mejjet fit-terminu ezatt tal-Ligi, u li fiha bil-gurament indika l-assi kollha li kellu d-decujus fi zmien il-mewt skond safejn kien jaf l-istess konvenut, u li ghalhekk l-attrici ghandha r-referenzi adegwati buiex tkun taf ezatt x'halla d-decujus fil-mument tal-mewt tieghu skond ma ddikjara taht gurament il-nkovenut u skond ma kien jaf, u stante li ma saret l-ebda procedura biex tali dokument tad-denunzja b'xi mod jigi mpunjat, l-att-rici ma kellha l-ebda dritt li tassumi dak li ma kienx hemm, u kwind l-pretenzjoni tal-konvenut li hu gie abbuzivament u llegalment mizmum milli johrog minn pajjizu sakemm dahal garanti ghalieh bil-proprjeta' tieghu missier il-mara tieghu, u ghal dan l-agir abbuziv il-konvenut qieghed izomm ferm kull pretenzjoni li ghandu ghad-danni sofferti minnu kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Illi fic-cirkostanzi l-konvenut mhux biss m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez, imma ghandu jigi rimburzat ghal dawk id-danni kollha li sofra u l-ispejjez intortament li gew inkorsi minnu kagun ta' dawn il-proceduri meta l-attrici setghet facilment ghamlet verifiki indipendenti u kienet tasal ghall-konkluzjonijiet taghha jekk tabilhaqq dawn il-proceduri kinux legalment u fattwalment mehtiega jew le;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Mejju 1996 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Fredereick Doublet sabiex jassisti lill-perit leagli billi jghamel xi valutazzjonijiet u bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku nominat debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru 1996;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-17 ta’ April 1998 u l-verbali tas-seduti minnu mizmuma;

Rat in-nota ta’ kritika tal-konvenut ghar-rigward tar-relazzjoni tal-perit legali;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici nomine;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;
Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li certu  Paolo Borg miet fis-26 ta’ Ottubru 1989. Dan Paolo Borg kien ir-ragel tal-attrici Giuseppa Borg u kien missier u n-nannu, skond il-kaz, tal-atturi l-ohra kollha. L-imsemmi Paolo Borg ghamel testament fid-29 ta' Settembru 1989 fl-atti tan-Nutar Michel Dingli fejn innomina bhala uniku werriet tieghu lill-konvenut bid-dritt tal-legittima lill-uliedu. L-atturi jkomplu jippremettu li l-imsemmi Paolo Borg u martu l-attrici Giuseppa Borg, fil-hin tal-mewt tal-istess Paolo Borg, ma kinux legalment separati u l-istess attrici hi intitolata ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ga' vigenti bejnha u d-defunt zewgha. L-atturi jippremettu ukoll li l-imsemmija konjugi Borg kellhom tifla ohra, cioe Filippa sive Josephine mart Anthony Magro, li ghazlet li ma titlobx sehmha qua legittimarja. L-atturi jridu li jigu likwidati l-assi

tad-decuius Paolo Borg biex b'hekk issir l-assenjazzjoni tas-sehmhom mill-beni tal-istess decujus u dana kwantu ghal nofs lill-attrici martu Giuseppa Borg bhala import ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisiti u kwantu ghad-dritt tal-legittima lill-atturi l-ohra;

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn it-testatur Paolo Borg u martu l-attrici Giuseppa Borg; li jigi ordnat li n-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti hekk likiwidata tappartjeni lill-attrici Giuseppa Borg u konsegwentement tigi assenjata lill-imsemmija attrici Giuseppa Borg; li jigu likwidati l-assi kollha ereditarji ta' l-imsemmi Paolo Borg konsistenti f'sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll l-assi parafernali tieghu; li jigi ordnat li mill-assi hekk likwidati jigi assenjat lill-atturi l-ohra s-sehem rispettiv taghhom in sodisfazzjoni tal-legittima dovuta lilhom skond il-ligi u li l-konvenut jigi kundannat jassenja lill-attrici Giuseppa Borg is-sehem taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti u lill-atturi l-ohra s-sehem taghhom qua legittimarji. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigi nominat Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att relattiv u li jigu nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-Prokuratur Legali Rose Sciberras trid iggib prova dokumentata u awtentika li tikkonferma li hi l-mandatarja specjali tal-atturi. Jeccepixxi ukoll li t-testatur Paolo Borg ma specifikax fit-testment li huwa kien qed ihalli l-legittima lid-dixxendenti tieghu. Jeccepixxi inoltre li trid issir prova li l-attrici Giuseppa Borg fil-mument tal-mewt tad-decujus ma kinitx legalment separata, jew iddivorzjata jew sempliciment separata ‘de facto’ minn mal-istess zewgha. Trid ukoll issir prova dwar l-imsemmija Philippa sive Josephine mart Anthony Magro, li ssemmiet mill-istess atturi fic-citazzjoni u cioe’ li hi verament bint id-decujus u li hi rrinunzjat formalment ghal sehmha qua legitimatarja mill-wirt in kwestjoni;

Il-konvenut jeccepixxi ukoll li l-atturi misshom l-ewwel gabu prova sabiex juru li huma verament ghandhom id-drittijiet li qed jippretendu u wara, jekk ikun il-kaz, jagixxu. Huwa jissottometti li lanqas nghata indikazzjoni ta’ fejn

joqodu l-atturi u fejn jista jikkomunika maghhom. Fl-ahhar nett il-konvenut jeccepixxi li huwa esegwixxa l-oneri kollha skond il-ligi bhala ma  ghamel id-denunzja tad-decujus u li hu m'ghandux ibati xi  spejjez;

F'dawn il-proceduri gew nominati l-Avukat Dottor Victor Borg Grech bhala perit leagli u l-AIC Fredereick Doublet bhala perit tekniku;

Fir-rapport tieghu l-abbli Perit Tekniku ghamel deskrizzjoni u vvaluta l-fondi 23 Viani Street, Sliema, 45 Birkirkara Hill, San Giljan u bicca raba' f'Wied il-Ghomor, San Giljan. Il-fond ta' Viani Street, Sliema gie stmat li jiswa erbat elef sitt mija u hamsin lira maltin (Lm4650), il-fond gewwa Birkirkara Hill, San Giljan gie stmat li jiswa erbat elef, tlett mija u hamsin lira maltin (Lm4350) u l-bicca raba fi Triq Wied Ghomor giet valutata fis-somma ta' mija u hamsin lira maltin (Lm150);

Fir-relazzjoni tieghu l-abbli perit legali l-ewwel ikkonsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Dwar dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenut il-perit legali kkonsidra li l-attrici ampjament ipprovat il-mandat mghoti lilha sabiex tintavola dawn il-proceduri u ghalhekk dawk l-eccezzjonijiet li jirrigwarda dan il-mandat ghandhom jitqiesu li gew soddisfatti. Il-perit legali kkonsidra ukoll li t-testment in kwestjoni testwalment jghid li t-testatur "ihalli lil uliedu dak li jkun lilhom spettanti bhala legittima u xejn aktar" u ghalhekk l-eccezzjoniniet relattivi jirrizultaw bla bazi. F'dan ir-rigward l-abbli perit legali irrelata li, fi kwalunkwe kaz, il-legittima hi dejjem dovuta skond il-ligi. Dwar l-eccezzjonjiet relattivi ghall-istat tal-attrici Giuseppa Borg fil-mument tal-mewt tad-decuius, zewgha Paolo Borg, ma ngiebu l-ebda provi. Ghar-rigward ta' dak li eccepixxa l-konvenut dwar Filippa Borg gew prodotti dokumenti ufficjali li jipprovaw li l-istess Filippa Borg hi bint id-decuius u l-attrici Giuseppa Borg. Il-perit legali kkonstata ukoll li bl-ebda mod ma jirrizulta li l-istess Filippa Borg irrinunzjat ghal-legittima. F'dan ir-rigward gie biss dikjarat mill-atturi li ghalissa l-istess Filippa Borg mhux qed titlob il-legittima. Il-perit legali jirrileva li kien id-dover tal-attrici nomine li tinvestiga u tindaga dwar il-konsistenza ta' l-assi tad-decujus u mhux toqghod

semplicement fuq id-denunzja tas-successjoni li ghamel il-konvenut;

Wara li ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet il-perit tekniku ghadda biex jittratta l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn id-decuius u martu l-atrici Giuseppa Borg. Jirrizulta li kien hemm assi immobiljari formanti parti mill-stess komunjoni tal-akkwisti liema assi immobiljari huma ahjar deskritti fir-relazzjoni. Jirrizulta ukoll li kien hemm depozitu “savings” fil-Mid-Med Bank, High Street, Sliema li kellu fih l-ammont ta' hames mija u tlieta u hamsin lira u hamsa u sebghin centesimu (Lm553.75). Dan il-kont gie zbankat u maghluq wara l-mewt ta' Paolo Borg. Kien hemm depozitu bankarju “savings” iehor li kellu fih ammnt il-fuq minn tnejn u ghoxrin elf liri maltin (Lm22000). Ftit granet qabel il-mewt tad-decuius l-ammont li kien fih dan il-kont gie trasferit f’kont iehor u sussegwentement il-flejjes kollha gew sbankati. Jirrizulta li dan kollu sar mill-konvenut bi prokura tad-decuius. Dwar dan il-konvenut ikkonferma li dawn il-flejjes hu ghaddihom lid-decuius u inoltre ddikjara li ma jfax x’ghamel bihom l-istess decuius. Dwar dawn il-fatti il-perit legali kkonkluda li fil-waqt li gie pruvat li l-konvenut ircieva ghandu s-somma in kwestjoni, ma giex sufficjentement pruvat li l-konvenut ghaddihom lill-istess Paolo Borg. Ghalhekk l-ammont in kwestjoni ghandu jitqies bhala formanti parti mill-assi tad-decuius u ghall-istess ammont ghandu jibqa responsabbli l-konvenut;

Il-perit legali kkonsidra ukoll li ma jirrizulltax li l-attrici Giuseppa Borg ghandha xi beni, mobbli jew immobbli, li ghandhom jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Wara dan kollu l-perit legali illikwida l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont totali ta' tnejn u tletin elf sitt mija u wiehed u tmenin lira u disgha centezmi (Lm32681.09). Is-sehem tal-attrici Giuseppa Borg jammonta ghan-nofs ta’ din is-somma u cioe’ sittax il-elf tliet mija u erbghin lira, erbgha u hamsin centesimu, u hames millesimi (Lm16340.54,5);

Il-perit legali kkonsidra li, skond il-ligi, l-legittima spetanti lill-ulied id-decuius Paolo Borg, hi n-nofs ta' l-assi ta' Paolo Borg diviza ugwalment bejn il-hames ulied. Ma

jirrizultax li Paolo Borg kellu xi assi partikolari. Ghalhekk l-assi ereditarji tad-decuius huma sehem l-istess decuius mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnu u bejn martu l-attrici Giuseppa Borg u cioe' ammontanti ghas-somma ta' Lm16340.54,5. Konsegwentement il-legittima dovuta lill kull wiehed u wahda mit-tfal hija ta' kwint tan-nofs ta' Lm16,340.54,5, ossija elf sitt mija u erbgha u tletin lira, hames centezmi u hams millezmi (Lm1634.05,5). Ghalhekk l-atturi Julian Borg, Mary mart Emidio Camilleri u Carmen mart Nick Bonello ghandhom id-dritt li jircievu l-imsemmija somma ta' Lm1634.05,5 kull wiehed u wahda minnhom. L-atturi Paul, Sarah, u Victoria Lonie ghandhom il-jedd li jircieu bejnithom l-istess somma ta' Lm1634.05,5;

Ghandu jigi rilevat li hu evidenti ghall-Qorti li l-konvenut m'ghandux jitqies li hu l-vittma ta' illegalita u abbuz kbir kif qed jippretndi l-istess konvenut. Anzi l-provi pjuttost jindikaw il-kuntrarju. Fl-opinjoni tal-Qorti l-perit legali bbaza l-konkluzjonijiet fuq dak li rrizultalu fil-kors tal-perizja u fuq l-artikoli tal-ligi rilevanti. Bl-ebda mod ma jista jinghad li l-aturi huma persuni fittizji u li ma jesistux. Hu zgur li dan bl-ebda mod ma jirrizulta. Mill-provi jidher li kien id-decuius Paolo Borg li in effett abbanduna lill-familja tieghu u mhux il-kontra. Fi kwalunkwe kaz hu ovvju li l-wirt tal-istess decuius hu regolat mit-testment li ghamel u inoltre huma applikabbli l-ligijiet kollha rilevanti. Ghalhekk il-kwestjoni jekk l-atturi urewx rispett lejn id-decuius hi kwstjoni ghal kollox irrilevanti. Il-kritika li l-konvenut jghamel ghar-rigward tar-relazzjoni tal-perit legali hi kritika li fil-maggior parti taghha mhux ibbazata fil-ligi u ghalhekk fl-maggior parti taghha ukoll hi kritika irrilevanti. Il-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub jghamel referenzi estensivi ghall-operat tal-perit legali. Fl-opinjoni tal-Qorti certu rimarki li jghamel f'dan ir-rigward il-konvenut m'ghandhom qatt isiru fi proceduri gudizzjarji b'mod partikolari meta l-istess rimarki huma ghal kollox gratwiti u bla bazi;

Ma jistax jigi eskluz li l-konvenut seta' kien urtat bil-varji azzjonijiet li ttiehdu kontra tieghu mill-aturi. Effettivament jidher ukoll li ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Dawn, pero', huma kollha mezzi li huma previsti u

permessi mill-ligi. Ovvjament hemm ir-responsabilita’ ta’ minn ikun inizja dawn l-istess proceduri. Ghalhekk il-konvenut, jekk ikun il-kaz, jista dejjem jiehu dawk l-azzjonijiet kollha li ttih il-ligi f’dan ir-rigward u ghalhekk zgur li ma kienx hemm ghalfejn li l-konvenut jghamel dak it-tip ta’ rimarki;

Fl-imsemmija sottomissjonijiet tieghu bil-miktub il-konvenut jghamel attakk dirett kontra l-perit legali u jghamel dikjarazzjonijiet li mhux dejjem huma cari. Jirreferi ghal fatti li ma jirrizultawx mill-provi u hafna mill-argumenti teghu mhux ibbasati fil-ligi. Inoltre l-konvenut jirrepeti l-argumenti tieghu diversi drabi u jghamel usu minn kliem mhux xieraq;

In effett il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapporti tal-periti gudzzjarji u hasbet fit-tul dwar il-kostatazzjonijiet li ghamlu u dwar il-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-istess periti gudizzjarji. Il-Qorti taqbel mal-istess konkluzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti li tbiddel jew tvarja dawn il-konkluzjonijiet;

Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu michuda. Kwantu ghat-talbiet attrici dawn kollha jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti. Kif gia gie rilevat is-sehem tal-attrici Giuseppa Borg fil-komunjoni tal-akkwisti gie kalkolat li jammonta ghas-somma ta’ sittax il-elf tliet mija u erbghin lira, erbgha u hamsin centesimu, u hames millesimi (Lm16340.54,5). Ghal dan is-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti l-konvenut ghandu jassenja lill-imsemmija attrici Giuseppa Borg l-fond 23 Viani Street, Sliema, li gie valutat fis-somma ta’ erbat elef sitt mija u hamsin lira maltin (Lm4650) u inoltre l-konvenut ghandu ihallas lill-istess attrici Giuseppa Borg is-somma ta’ hdax il-elf sitt mija u disghin liri maltin u erba u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm11690.545) u cioe’ Lm16340.545 bit-tnaqqis tal-valur tal-imsemmi immobbli ta’ Viani Street (Lm4650). Is-sehem dovut lill-atturi l-ohra bhala l-legittima spettanti lilhom ghandha tithallas mill-konvenut fi flus kontanti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn it-testatur Paolo Borg u martu l-attrici Giuseppa Borg fl-ammont totali ta' tnejn u tletin elf sitt mija u wiehed u tmenin lira u disgha centezmi (Lm32681.09); tiddikjara u tordna illi n-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti hekk likiwidata tappartjeni lill-attrici Giuseppa Borg u cioe' s-somma ta' sittax il-elf tliet mija u erbghin lira, erbgha u hamsin centesimu, u hames millesimi (Lm16340.54,5) u ghal dan is-sehem taghha l-konvenut hu kundannat li jassenja lill-imsemmija attrici Giuseppa Borg l-fond 23 Viani Street, Sliema u hu ukoll ikkundannat ihallas lill-istess attrici Giuseppa Borg is-somma ta' hdax il-elf sitt mija u disghin liri maltin u erba u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm11690.545); tillikwida l-assi kollha ereditarji ta' l-imsemmi Paolo Borg fis-somma ta' sittax il-elf tliet mija u erbghin lira, erbgha u hamsin centesimu, u hames millesimi (Lm16340.54,5) u tordna li minn dawn l-assi l-konvenut ghandu ihallas is-somma ta' elf sitt mija u erbgha u tletin lira, hames centezmi u hams millezmi (Lm1634.05,5) lill kull wehed u wahda mill-atturi Julian Borg, Mary mart Emidio Camilleri u Carmen mart Nick Bonello u l-istess somma ta' Lm1634.055 lill-atturi l-ohra Paul, Sarah, u Victoria ahwa Lonie bejnithom u dana in sodisfazzjoni tal-legittima dovuta lilhom skond il-ligi; tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Patrick Chritien biex jippubblika l-att relattiv u dana mhux iktar tard minn tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza u tinnomina lill-Avukat Dottor Robert Abela bhala kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci. L-imghaxxijiet kollha ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------